*Tibdil fl-isem ta' Persuna Adottata*

*Art 253(2) tal-Kap 16*

*Att XXIII tal-2017.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Novembru 2017**

**Kawza Numru : 23**
**Rikors Guramentat Numru : 1220/2015/LSO**

**"X" (Detenturi tal-Karti tal-Identita` bin-numri 212967M u 83076M rispettivament) bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri "X1" *known as* "X2"**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi bir-rikors guramentat datat 29 ta’ Dicembru 2015 ir-rikorrenti ppremettew li kienu addottaw tifel meta kellu gja kwazi erba' snin. Irrizulta li ghalkemm irregistrawh b'isem maghzul minnhom mar-Registru tal-Persuni Adottati (Dok.A) it-tifel qatt ma kien iwiegeb ghal dan l-isem u minnflok, kien jirrispondi ghall-isem li kien gja maghruf bih.

IIIi ghalhekk ir-rikorrenti ressqu dawn il-proceduri billi xtaqu li dan kollu jigi rifless fir-Registru tal-Persuni Adottati u li fil-futur dan il-bdil jigi rifless fuq kull att ta' stat civili;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Frar 2016.

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku intavola Risposta Guramentata datata 8 ta’ Frar 2016 (fol 136) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu laqghu billi eccepixxa fl-ewwel lok, il-htiega tal-pubblikazzjoni; inoltre li jigi kjamat fil-kawza l-minuri ghall-fini tal-integrita' tal-gudizzju, kif debitament rapprezentat mill-genituri tieghu, r-rikorrenti; eccepixxa n-nuqqas ta' kompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti *stante* li l-att in kwistjoni huwa certifikat ta' adozzjoni u mhux att tat-twelid, kif kalendat **fir-Regola 5 tal-Avviz Legali 396 tal-2003 (L.S. 12.19 Ordni dwar it-twaqqif ta’ Sezzjoni tal-Qrati Civili),** il-Qorti kompetenti ghall-applikazzjonijiet taht Titolu Tlieta tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici

Civili hija Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja); illi bla hsara ghal premess, l-uniku artikolu tal-ligi li jippermetti li jkun hemm emendi jew korrezzjonijiet fid-digriet tal-adozzjoni huwa **l-Artikolu 127 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Dan l-artikolu jispjega l-procedura li biha l-adottant jew il-persuna adottata tista' titlob, permezz ta' rikors intavolat fil-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja), li jkun hemm emenda jew korrezzjoni fid-digriet in kwistjoni. Illi ghalhekk l-att tat-twelid ma jistax jigi attakkat galadarba hemm digriet ta' adozzjoni u dan ghaliex ic-certifikat t'adozzjoni huwa l-att tat-twelid tal-persuna adottata li fih jkun hemm indikat id-dettalji tal-adottanti bhala dawk tal-genituri;illi minghajr pregudizzju, in vista tal-eccezzjoni surreferita, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-intimat u l-inkartament ta' dawn il-proceduri jigu mghoddija quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) l-esponent jirriserva li jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri f'dak l-istadju; illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jikkjarifikaw taht liema artikolu tal-ligi huma qieghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb u kwindi rriserva d-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huma qieghdin jorbtu l-proceduri istanti; illi minghajr hsara ghal fuq espost, mill-mod ta' kif inhi kostruwita l-ewwel talba, jidher li din it-talba tar-rikorrenti qed issir *ai termini* ta' **Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Illi mandankollu l-azzjoni taht dan **l-Artikolu** 253 (2) **tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** tista' ssir biss fir-rigward ta' ismijiet kif jidhru **<u>fuq l-att tat-twelid ta' persuna.</u>** *[Enfasi tal-*

*esponent].* Illi *stante* li f'dan il-kaz it-talba qieghda ssir ghall-korrezzjoni **fuq certifikat ta' adozzjoni,** ghaldaqstant dan l-artikolu mhux applikabbli. *[Enfasi tal-esponent]* B'hekk *in vista* ta' dan kollu, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda; illi minghajr hsara ghall-premess, rigward it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti li qeghdin jitlobu **korrezzjoni** fic-certifikat tal-adozzjoni, l-esponent jipprevedi applikabbli ghaldaqstant **l-Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jirregola l-htiega ta' korrezzjoni abbazi ta' zball. *[Enfasi tal-esponent].* Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu korrezzjoni fl-isem tal-minuri izda sabiex tintalab korrezzjoni jehtieg li jigi ppruvat illi hemm zball fic-certifikat in ezami. Illi hawnhekk ma jirrizultax li sar xi zball 'il ghaliex id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku nizzel *ad litteram* l-informazzjoni li tinsab fuq id-digriet tal-adozzjoni. *In vista* tal-fatt li ma jidhirx li hemm zbalji fuq ic-certifikat u *in vista* tal-fatt ukoll li l-kawza in ezami titratta kancellament ta' isem fuq certifikat ta' adozzjoni, dan jista' jsehh biss jekk jigi emendat id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fuq liema din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex kompetenza; illi minghajr hsara, *in vista* tal-eccezzjoni surreferita, l-esponent jirrileva li jekk ir-rikorrenti kienu b'hsiebhom li jsejsu l-azzjoni taghhom abbazi ta' **Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** bl-intenzjoni li tigi inserita annotazzjoni sabiex il-minuri jigi maghruf bl-isem iehor imsemmi, r-rikorrenti ghandhom jitolbu bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** korrezzjoni fit-talbiet taghhom sabiex jissostitwixxu l-kelma *"korrezzjoni"* bil-kelma *"annotazzjoni",* kemm fit-tieni u fit-tielet talbiet taghhom rispettivament, halli b'hekk il-premessi tal-azzjoni taghhom

tigi mibdula b'mod li t-talbiet taghhom jkunu jistghu jigu inkwadrati taht il-parametri **tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;** illi bla pregudizzju ghal premess, *in vista* tat-tielet talba tar-rikorrenti din ghandha tigi michuda *stante* li **l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** illi tinkwadra tali talba, japplika biss fir-rigward ta' talba gudizzjarja msemmija fis-sub-artikolu (2) tal-istess Artikolu cioe` meta jkun hemm talba *"ghar-registrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-Qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-isem jew l-ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha."* Ghaldaqstant, peress li dan il-kaz jittratta **certifikat ta' adozzjoni** u mhux att tat-twelid, kif diga` spjegat fl-eccezzjonijiet surreferiti, **l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** mhuwiex applikabbli *stante* li l-azzjoni taht dan l-artikolu 253 (2) tista' ssir biss fir-rigward ta' ismijiet kif jidhru fuq l-att tat-twelid ta' persuna u mhux kif qieghed jintalab f'dan il-kaz, fejn it-talba qieghda ssir ghall-annotazzjoni fuq certifikat ta' adozzjoni. *[Enfasi tal-esponent].* B'hekk lanqas **l-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** ma huwa applikabbli f'dan il-kaz u t-talba hekk msejsa taht dan l-artikolu ma tistax tintlaqa'; illi inoltre, bla pregudizzju, fit-talbiet taghhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba mir-rikorrenti fuq ic-certifikat tad-adozzjoni relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-

Istatus Civili *a tenur* ta' l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ghandhom isiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija rikjesta fuq ic-certifikat tad-adozzjoni relattiv; illi bla hsara, l-esponent jirrileva illi l-informazzjoni li titnizzel fuq ic-certifikat ta' adozzjoni huwa skont ma jkun gie indikat u miktub fuq id-digriet tal-adozzjoni moghti mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Ghaldaqstant jekk jirrizulta li hemm xi zball, dan ma hux tort tal-esponent, ghaliex l-esponent kulma ghamel huwa li nizzel *ad verbatim* l-informazzjoni li tinsab fuq id-digriet tal-adozzjoni. Fil-kaz *de quo* jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tal-ufficjali tar-Registru Pubbliku, *stante* li isem il-minuri huwa mnizzel hekk fuq id-digriet tal-adozzjoni relattiv. Bl-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent jkun f' pozizzjoni li jista' jesibixxi dan id-digriet *animo ritirandi* fis-seduta li jmiss; illi minghajr pregudizzju, l-esponent huwa ristrett li jemenda jew jikkoregi c-certifikat tal-adozzjoni diment li l-informazzjoni fid-digriet, moghti mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, ma jigix ukoll ikkoregut, *stante* li d-Dipartiment tar-Registru Pubbliku jistrieh kompletament fuq l-informazzjoni moghti fuq id-digriet tal-imsemmija Qorti; illi subordinatament u bla hsara ghal fuq espost, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-

ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi; illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Ottubru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-attur assistit minn Dr Jonathan Abela Fiorentino u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Billi l-provi tal-atturi huma diga` maghluqa, Dr Ellul strahet fuq id-dokumenti esebiti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Novembru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 et *sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta saret debitament fit-31 ta’ Dicembru

2015 (fol 12) u b’hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din il-Qorti qed tordna korrezzjoni tal-okkju fis-sens li wara il-kelma "rispettivament" jizdiedu l-kliem "bhala kuraturi *ad litem* ta’ binhom minuri “X1” *known as* “X2”. Dan hu konformi mal-artikolu 135 tal-Kap 16, “*il-genituri jidhru ghal uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-hajja civili*.” Ghalhekk, dak eccepit, dwar il-htiega tal-kjamat in kawza, u/jew nomina ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri gie sorvolat.

It-tielet, ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet tal-intimat huma sorvolati, *stante* li permezz tal-verbali fil-kaz in ezami, l-Awtoritajiet ikkoncernati gew imsejha sabiex jindirizzaw il-lakuna li kienet tezisti fil-Ligi, fiz-zmien tal-prezentata ta’ dan il-kaz, li giet sanata fl-mori, billi saret l-emmenda necessarja ghall-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-sens, li gew mizjuda l-kliem “*or an entry in the Adoption Persons Register”* kif jirrizulta a fol 59 tal-process.

Illi ghandu jinghad li l-fakolta ta' tibdil fl-isem ta' persuni addottati gja kien jezisti fil-ligi taghna permezz tal-**Att XX tal-2015** li kienet gja tippermetti lill-persuni ta' orjentazzjoni LGBTIQ li jaghmlu applikazzjoni lill-Qorti tal-gurisdizzjoni volontarja biex ibiddlu isimhom oltre s-sess. Tali emmenda ma kienetx applikabbli ghall-persuni mhux ta' tali orjentazzjoni, kif hu evidenti mill-firxa ta' eccezzjonijiet sollevati mill-intimat f'din il-kawza ghat-talba odjerna.

Madanakollu, fil-mori ta' dawn il-proceduri dahhlet l-emmenda imsemmija. Kwindi, d-distinzjoni fit-trattament li kienet tezisti fil-Ligi, riskontrata minn din il-Qorti waqt it-trattazzjoni, giet sanata, billi t-talba odjerna sabiex issir korrezzjoni fir-Registru ta’ Persuni Adottati, saret ammissibli *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16.[1] Ghalhekk, ladarba giet fis-sehh l-emmenda lill-artikolu 253(2) tal-Kap 16, sabiex dan l-artikolu japplika wkoll ghac-certifikati ta’ adozzjoni, l-eccezzjonijiet hawn imsemmija m’ghadhomx iregu. Inoltre huwa car li t-talba odjerna hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti billi taqa' fl-ambitu tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta’ binhom minuri, kif registrat fir-Registru ta’ Persuni Adottati, jigi korrett billi jigi mnizzel l-isem li bih huwa konsistentement maghruf minflok dak li hemm registrat.

Illi mill-provi esebiti din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom u t-talbiet, ghaldaqstant, jimmeritaw li jigu milqugha.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Rigward il-kap tal-ispejjez, dak imnizzel fic-certifikat tal-adozzjoni jirrifletti dak li kien indikat mir-rikorrenti, genituri adottivi tal-minuri, hekk kif indikat fid-digriet tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja. Ghalhekk, taqbel mal-intimat li ma

[1] Emmenda introdotta bl-AXX XXIII tal-2017.52.

jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat, b'hekk l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza.

Fil-hdax-il eccezzjoni, l-intimat ecepixxa li r-rikorrenti ma ghamlux talba sabiex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni mitluba.

Ikkonsidrat li din l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista' ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Huwa evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara li l-iben minuri tar-rikorrenti, kif kien imsejjah u maghruf, ghandha tipprocedi wkoll biex taghti l-ordni lill-intimat, sabiex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk din l-eccezzjoni hija wkoll indirizzata u sorvolata.

Referibbilment ghat-tielet talba, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti u/jew dokumenti pubblici ma gewx indikati bin-numru u s-snin relattivi.

Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li jerghu jirrikorru in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkura l-massima privatezza ta' persuni addottati u ghalhekk qed tiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex l-identita' taghhom jigu protetti

anke f'din is-sentenza. B'hekk kull referenza ghall-kunjom qed jigi ommess testwalment ghall-ahjar protezzjoni tal-identita' tar-rikorrent.

Illi jigi precizat li din il-kawza tirrigwarda l-isem u mhux il-kunjom u ghalhekk it-tibdil fir-Registru tal-Persuni Addottati mhuwiex ser jeffettwa l-kunjom gja imsemmi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet billi tichad l-istess ghajr ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem li bih il-minuri kien konsistentement huwa "X2" u mhux "X1".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjoni fir-Registru ta' persuni Adottati, fis-sens li fejn jidher l-isem "X1" dan ghandu jigi sostitwit b' "X1" *known as* "X2" flimkien mal-kunjom tal-minuri fejn hu mehtieg.

3. Rigward it-tielet talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Tordna li D-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont **l-artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

*Stante* c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti qed tivvjeta l-pubblikazzjoni tal-isem tar-rikorrenti *proprio et nomine* anke fuq is-sistema ta' pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-Qrati Gudizzjarji.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Novembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2017**